# TALBA EWKARISTIKA I

## JEW KANONE RUMAN

(Iċ-ċelebrant Prinċipali)

Missier ħanin,

miċ-ċokon tagħna nitolbuk,

b'Ibnek Ġesù Kristu Sidna:

ilqa' u bierek ✠ dawn l-offerti safja u qaddisa

li ġibna għas-sagrifiċċju.

Aħna noffruhomlok

l-ewwelnett għall-Knisja tiegħek, qaddisa u kattolika:

agħtiha s-sliem, ħarisha, għaqqadha,

u mexxiha mad-dinja kollha:

flimkien mal-qaddej tiegħek, il-Papa N,

ma' l-Isqof tagħna N.,

ma' l-Isqof N, li qed jgħinu,

(miegħi, qaddej tiegħek mingħajr ma jistħoqqli,

ma' l-Isqof li qiegħed igħinni)

u ma' l-Isqfijiet kollha

li jħaddnu u jistqarru l-fidi vera u kattolika

li għaddewlna l-Appostli.

(L-ewwel konċelebrant)

Ftakar, Mulej, fil-qaddejja tiegħek N. u N.,

u f'dawn kollha li hawn madwarna.

Int taf tajjeb il-fidi u r-rabta tagħhom miegħek.

Għalihom aħna noffrulek,

u huma wkoll joffru, dan is-sagrifiċċju ta' tifħir,

għall-ġid tagħhom u ta' qrabathom:

biex jiksbu l-fidwa ta' ruħhom,

u jaqilgħu s-saħħa u s-salvazzjoni li jittamaw:

huma u jressqu t-talb u x-xewqat tagħhom quddiemek,

Alla ta' dejjem, ħaj u veru.

(It-tieni konċelebrant)

Imseħbin mal-Knisja kollha

f'xirka waħda ta' mħabba nġeddu bil-qima t-tifkira

tal-glorjuża dejjem Verġni Marija,

Omm Alla u Sidna, Ġesù Kristu:

ta' l-Għarus tagħha San Ġużepp,

u ta' l-Appostli u l-Martri tiegħek:

Pietru, Pawlu, Andrija,

(Ġakbu, Ġwanni, Tumas, Ġakbu, Filippu,

Bartilmew, Mattew, Xmun u Taddew:

Linu, Kletu, Klement, Sistu,

Kornelju, Ċiprijan, Lawrenz, Krisogonu,

Ġwanni u Pawlu, Kosma u Damjan,)

u tal-Qaddisin tiegħek kollha;

għall-merti u t-talb tagħhom,

għinna f'kollox u ħarisna.

(Bi Kristu Sidna. Amen.)

(Iċ-ċelebrant prinċipali)

Ilqa', nitolbuk Mulej,

din l-offerta tagħna u tal-familja kollha tiegħek:

seddaq ħajjitna fis-sliem,

eħlisna mit-telfien ta' dejjem,

u għoddna fil-merħla tal-magħżulin tiegħek.

(Bi Kristu Sidna. Amen.)

(Il-konċelebranti kollha flimkien)

B'idejhom miftuħa fuq l-offerti:

Bierek, o Alla, nitolbuk, din l-offerta,

agħmel li tkun kollha kemm hi tiegħek,

wettaqha, qaddisha, ilqagħha,

biex issir għalina l-ġisem u d-Demm

ta' Ibnek il-għażiż, Sidna Ġesù Kristu.

Hu, awl il-lejl qabel ma bata,

ħa l-ħobż fl-idejn qaddisa u mbierka tiegħu,

refa' għajejh lejn is-sema,

lejk, Alla Missieru li tista' kollox,

raddlek il-ħajr, bierek,

qasam,

ta lid-dixxipli tiegħu u qal:

**Ħudu u kulu lkoll minn dan:**
**għax dan huwa Ġismi**
**li jingħata għalikom.**

Hekk ukoll, wara l-ikla,

ħa dan il-kalċi għażiż

fl-idejn qaddisa u mbierka tiegħu,

reġa' radd il-ħajr, bierek,

ta lid-dixxipli tiegħu, u qal:

**Ħudu u ixorbu minnu lkoll:**
**għax dan huwa l-kalċi ta' Demmi**
**tal-patt il-ġdid li jibqa' għal dejjem:**
**id-Demm li jixxerred għalikom**
**u għall-bnedmin kollha**
**għall-maħfra tad-dnubiet.**
**Agħmlu dan b'tifkira tiegħi.**

(Iċ-ċelebrant Prinċipali)

Dan hu l-Misteru tal-Fidi.

Il-Poplu jwieġeb:

Salvana int, o Salvatur tad-dinja;

bis-salib u l-qawmien tiegħek inti fdejtna.

(Il-konċelebranti kollha flimkien)

Għalhekk, Mulej, aħna ministri tiegħek,

u l-poplu qaddis tiegħek,

aħna u nagħmlu dan

b'tifkira tal-Passjoni mqaddsa

ta' l-istess Ibnek, Ġesù Kristu Sidna,

tal-qawmien tiegħu mill-imwiet,

u tat-tlugħ glorjuż tiegħu fis-sema,

noffru lis-sebħ tiegħek bla tarf,

mill-ġid li inti stess tajtna,
Vittma safja, qaddisa, bla tebgħa,
il-ħobż qaddis tal-ħajja ta' dejjem,
u l-Kalċi tas-salvazzjoni bla tmiem.

Ixħet fuqhom ħarsa ta' tjieba u sliem.
Ilqagħhom, bħalma għoġbok tilqa'
l-offerti tal-qaddej ġust tiegħek Abel,
is-sagrifiċċju ta' missierna Abraham,
u s-sagrifiċċju li offrielek il-qassis il-kbir tiegħek Melkisedek,
sagrifiċċju qaddis Vittma bla tebgħa.

Fiċ-ċokon tagħna nitolbuk,
Alla li tista' kollox:
agħmel li l-Anġlu qaddis tiegħek
iwassalhom quddiem l-artal tiegħek fis-sema,
biex aħna lkoll, li nieħdu sehemna mill-artal
u nitqarbnu bil-ġisem imqaddes ta' Ibnek,
nimtlew b'kull barka u grazzja tas-sema.

(Bi Kristu Sidna. Amen)

(L-ewwel konċelebrant)

Ftakar ukoll, Mulej, fil-qaddejja tiegħek N. u N.,
li telqu qabilna
bis-sinjal tal-fidi li ħadu fil-Magħmudija,
u qegħdin jistrieħu fir-raqda tas-sliem.

ħenn għalihom, Mulej,
u agħti lilhom,
u lil dawk kollha li jistrieħu fi Kristu,
il-hena, id-dawl u s-sliem.

(Bi Kristu Sidna. Amen)

(It-tieni konċelebrant)

Lilna wkoll midinbin, qaddejja tiegħek,
li nittamaw fil-kotra tal-ħniena tiegħek,
agħtina sehem fix-xirka
tal-qaddisin Appostli u Martri tiegħek:
Ġwanni, Stiefnu,
Mattija, Barnaba,
(Injazju, Alessandru,
Marċellinu, Pietru,
Feliċita, Perpetwa,
Agata, Luċija,
Anjeże, Ċeċilja, Anastasja,)
u tal-Qaddisin tiegħek kollha:
daħħalna fil-wirt magħhom.
mhux għall-merti tagħna,
iżda għall-ħniena u l-maħfra tiegħek.
Bi Kristu Sidna.

(Iċ-ċelebrant prinċipali waħdu)

Bih, Mulej,

int dejjem taħlaq u tqaddes dan il-ġid kollu,

timlieh bil-ħajja,

tbierku u tqassmu lilna.

(Iċ-ċelebrant prinċipali waħdu jew flimkien mal-konċelebranti l-oħra)

Bi Kristu, ma' Kristu, u fi Kristu,

jingħata lilek, Alla Missier li tista' kollox,

flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu,

kull ġieh u glorja

għal dejjem ta' dejjem.

Il-poplu jwieġeb:

Amen.

## TALBA EWKARISTIKA II

*Prefazju*

Sewwa u xieraq tassew, Missier qaddis,
tajjeb u ta' ġid għas-salvazzjoni tagħna,
li dejjem u kullimkien inroddulek ħajr
b'Ibnek il-għażiż, Ġesù Kristu,
il-Verb tiegħek li bih għamilt kollox,
li int bgħatthulna bħala Salvatur u Feddej,
magħmul bniedem mill-Ispirtu s-Santu
u mwieled minn Marija Verġni.

Huwa temm ir-rieda tiegħek,
u kiseb għalik poplu qaddis:
u fil-passjoni tiegħu fetaħ idejh fuq is-salib,
biex iħollna mill-irbit tal-mewt
u jurina l-qawmien għall-ħajja.

Għalhekk, flimkien ma' l-Anġli u l-Qaddisin kollha,
inxandru l-glorja tiegħek u b'leħen wieħed intennu:

Qaddis, Qaddis, Qaddis,
Mulej, Alla ta' l-eżerċti.
Is-smewwiet u l-art mimlija bil-glorja tiegħek.
Hosanna fl-għoli tas-smewwiet.

Imbierek min ġej f'isem il-Mulej.
Hosanna fl-għoli tas-smewwiet.

(Iċ-ċelebrant prinċipali)

Qaddis tassew int, Mulej:
inti l-għajn ta' kull qdusija.

(Il-Konċelebranti kollha flimkien)

Qaddes, għalhekk, nitolbuk, dawn l-offerti
bil-barka ta' l-Ispirtu tiegħek,

jgħaqqad idejh, jagħmel sinjal tas-salib fuq l-ostja u l-kalċi flimkien, u

jgħid:

biex isiru għalina l-ġisem u ✠ d-Demm
ta' Sidna Ġesù Kristu.

Jgħaqqad idejh

Li, meta kien se jingħata biex minn rajh ibati,
ħa l-ħobż, radd il-ħajr, qasam,
ta lid-dixxipli tiegħu, u qal:

**ħudu u kulu lkoll minn dan:**
**għax dan huwa ġismi**
**li jingħata għalikom.**

Hekk, ukoll, wara l-ikla

ħa l-kalċi, reġa' radd il-ħajr,

ta lid-dixxipli tiegħu, u qal:

**ħudu u ixorbu minnu lkoll:**
**għax dan huwa l-kalċi ta' Demmi**
**tal-patt il-ġdid li jibqa' għal dejjem:**
**id-Demm li jixxerred għalikom**
**u għall-bnedmin kollha**
**għall-maħfra tad-dnubiet.**
**Agħmlu dan b'tifkira tiegħi.**

Dan hu l-Misteru tal-Fidi.

Il-Poplu jwieġeb:

Inħabbru l-mewt tiegħek, Mulej,

inxandru bil-ferħ il-qawmien tiegħek,

nistennewk sa ma tiġi fil-glorja.

(Il-Konċelebranti kollha flimkien)

Għalhekk, aħna u nagħmlu dan

b'tifkira tal-mewt u l-qawmien

ta' Sidna Ġesù Kristu,

noffrulek, Mulej,

il-ħobż tal-ħajja u l-Kalċi tas-salvazzjoni,

u nroddulek ħajr

għax għoġbok tilqagħna hawn quddiemek biex naqduk.
U miċ-ċokon tagħna nitolbu
li l-Ispirtu s-Santu jgħaqqadna f'ġisem wieħed
lilna li nieħdu sehem
mill-ġisem u d-Demm ta' Kristu.

(L-Ewwel Konċelebrant)

Ftakar, Mulej,
fil-Knisja tiegħek imxerrda mad-dinja kollha,
wettaqha fl-imħabba,
flimkien mal-Papa N.,
ma' l-Isqof tagħna N.
ma' l-Isqof N. li qiegħed jgħinu,
(u miegħi, qaddej tiegħek mingħajr ma jistħoqqli),
u mal-ministri tiegħek kollha.

(It-Tieni Konċelebrant)

Ftakar ukoll f'ħutna
li raqdu bit-tama tal-qawmien:
ftakar fil-mejtin kollha:
daħħalhom quddiemek fid-dawl tas-sebħ tiegħek.
ħenn għalina lkoll, nitolbuk:

agħti lilna wkoll il-wirt tal-ħajja ta’ dejjem
flimkien mal-Verġni mqaddsa, Omm Alla, Marija,
ma’ l-Appostli u l-Qaddisin kollha
li għexu fil-ħbiberija tiegħek
sa mill-bidu tad-dinja:
agħmel li magħhom infaħħruk u nsebbħuk

jgħaqqad idejh ma’ xulxin
b’Ġesù Kristu Ibnek.

(Iċ-ċelebrant prinċipali waħdu
jew flimkien mal-konċelebranti l-oħra)

Bi Kristu, ma’ Kristu, u fi Kristu,
jingħata lilek, Alla Missier li tista’ kollox,
flimkien ma’ l-Ispirtu s-Santu,
kull ġieh u glorja
għal dejjem ta’ dejjem.

Il-poplu jwieġeb:
Amen.

## TALBA EWKARISTIKA III

(Iċ-ċelebrant prinċipali)

Qaddis tassew int, Mulej,
u jistħoqqlok it-tifħir tal-ħolqien kollu,
għax b'Ibnek Ġesù Kristu Sidna
u bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu
inti tagħti l-ħajja,
kollox tqaddes,
u tibqa' dejjem tiġbor għalik poplu
biex, minn tlugħ ix-xemx sa nżulha,
issirlek offerta safja.

(Il-konċelebranti kollha flimkien)
Idejhom miftuħa fuq l-offerti

Għalhekk, Mulej,
ġejna quddiemek b'dawn l-offerti
biex ikunu kkonsagrati lilek:
miċ-ċokon tagħna nitolbuk,
qaddishom bl-Ispirtu tiegħek,
biex isiru l-ġisem u ✠ d-Demm
ta' Ibnek Ġesù Kristu Sidna,

li bi kmandament tiegħu

qegħdin niċċelebraw dan il-misteru.

Għax hu, fil-lejl li fih ingħata, għalina

ħa l-ħobż,

raddlek il-ħajr, bierek, qasam,

ta lid-dixxipli tiegħu, u qal:

**ħudu u kulu lkoll minn dan:**
**għax dan huwa ġismi**
**li jingħata għalikom.**

Hekk ukoll, wara l-ikla,

ħa l-kalċi,

raddlek il-ħajr, bierek,

ta lid-dixxipli tiegħu, u qal:

**ħudu u ixorbu minnu lkoll:**
**għax dan huwa l-kalċi ta' Demmi**
**tal-patt il-ġdid li jibqa' għal dejjem:**
**id-Demm li jixxerred għalikom**
**u għall-bnedmin kollha**
**għall-maħfra tad-dnubiet.**
**Agħmlu dan b'tifkira tiegħi.**

(Iċ-ċelebrant prinċipali)

Dan hu l-Misteru tal-Fidi.

Il-Poplu jwieġeb:

Inħabbru l-mewt tiegħek, Mulej,

inxandru bil-ferħ il-qawmien tiegħek,

nistennewk sa ma tiġi fil-glorja.

(Il-konċelebranti kollha flimkien)

Għalhekk, Mulej, aħna u nagħmlu dan
b'tifkira tal-passjoni li biha Ibnek fdiena
u tal-qawmien u t-tlugħ glorjuż tiegħu fis-sema,
aħna li qegħdin nistennew
u nittamaw it-tieni miġja tiegħu,
b'radd il-ħajr noffrulek
dan is-sagrifiċċju ħaj u qaddis.
ħares, nitolbuk, lejn l-offerta tal-Knisja tiegħek,
agħraf fiha l-Vittma
li bis-sagrifiċċju tagħha
ridt terġa tħabbibna miegħek;
agħmel li aħna,
li se nissaħħu bil-ġisem u d-Demm ta' Ibnek,
nimtlew bl-Ispirtu qaddis tiegħu,
u nkunu ġisem wieħed u ruħ waħda fi Kristu.

(L-ewwel konċelebrant)

Nitolbuk li hu jagħmel minna offerta
li tibqa' għal dejjem quddiemek,
biex inkunu nistgħu niksbu l-wirt
mal-magħżulin tiegħek:
mal-Verġni mqaddsa, Omm Alla, Marija,
ma' l-Appostli u l-Martri glorjużi tiegħek.
(ma' San N., il-Qaddis tal-ġurnata)
u mal-Qaddisin kollha,

li, kif nittamaw, jidħlu dejjem għalina quddiemek.

(It-tieni konċelebrant)

Agħmel, nitolbuk, Mulej,
li din il-Vittma li terġa' tħabbibna miegħek
tkun ta' sliem u salvazzjoni għad-dinja kollha.
Wettaq fil-fidi u fl-imħabba l-Knisja tiegħek
tul il-mixja tagħha fid-dinja:
il-qaddej tiegħek il-Papa N., l-Isqof tagħna N. u l-Isqof N. li qed jgħinu,
(lili qaddej tiegħek mingħajr ma jistħoqqli u l-Isqof N. li qed jgħinni),
l-Isqfijiet u l-ministri kollha tiegħek,

u l-poplu kollu li inti ksibt għalik.

Ilqa' bit-tjieba
t-talba u x-xewqat ta' din il-familja
li inti ridtha tinġabar madwarek.
Agħder, Missier ħanin,
lil uliedek kollha kull fejn jinsabu,
u għaqqadhom miegħek ilkoll.

ħenn għal ħutna mejtin
u għal dak kollha li ħallew din il-ħajja
fis-sewwa tiegħek:
daħħalhom fis-saltna tiegħek,
fejn nittamaw li aħna wkoll għad naslu,
biex, ilkoll flimkien,
nitgħaxxqu għal dejjem bis-sebħ tiegħek,

bi Kristu Sidna,

li bih inti tfawwar id-dinja b'kull ġid.

(Iċ-ċelebrant prinċipali waħdu jew flimkien mal-konċelebranti l-oħra)

Bi Kristu, ma' Kristu, u fi Kristu

jingħata lilek, Alla Missier li tista' kollox,

flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu,

kull ġieh u glorja

għal dejjem ta' dejjem.

Il-poplu jwieġeb:

Amen.

## TALBA EWKARISTIKA IV

*Prefazju*

Xieraq tassew li nroddulek ħajr,
tajjeb u sewwa li nsebbħuk, Missier qaddis,
għax int waħdek Alla, ħaj u veru,
qabel kull żmien u tibqa' għal dejjem,
u tgħammar f'dawl fejn ħadd ma jista' jersaq.

U int, li int waħdek tajjeb u għajn tal-ħajja,
għamilt il-ħlejjaq tiegħek
biex timliehom b'kull barka
u thenni lil ħafna minnhom
bid-dija tad-dawl tiegħek.

Quddiemek, għalhekk,
jinsabu qtajja' bla għadd ta' Anġli,
li lejl u nar jaqduk,
jitgħaxxqu bis-sebħ tiegħek,
u bla heda jsebbħuk.
Magħhom nissieħbu aħna wkoll,
u, flimkien mal-ħlejjaq kollha ta' l-art,
li b'leħinna jfaħħruk,
nistqarru u nfaħħru ismek, u ntennulek l-innu:

Qaddis, Qaddis, Qaddis ...

(Iċ-ċelebrant Prinċipali)

Infaħħruk, Missier qaddis,
għall-kobor tiegħek,
għall-għerf u l-imħabba
li bihom int għamilt kollox.
ħlaqt il-bniedem xbieha tiegħek,
fdajtlu f'idejh id-dinja kollha biex jieħu ħsiebha,
ħalli jaqdi lilek waħdek, ħallieq tiegħu,
u jsaltan fuq il-ħlejjaq kollha.

U meta ma qagħadx għar-rieda tiegħek
u tilef il-ħbiberija miegħek,
int ma tlaqtux fil-jasar tal-mewt,
imma ħennejt u waqaft ma' kulħadd,
biex kull min ifittxek isibek.

Kemm-il darba minn rajk dħalt f'patt mal-bnedmin,
u bil-profeti rawwimthom jistennew is-salvazzjoni.

U int, Missier qaddis, hekk ħabbejtha d-dinja
li, meta waslet il-milja taż-żminijiet,
bgħattilna 'l Ibnek il-waħdieni Salvatur tagħna,
li sar bniedem mill-Ispirtu s-Santu,
twieled minn Marija Verġni,
għadda ħajtu fostna,
u kien bħalna f'kollox minn barra fid-dnub,
Huwa wassal il-Bxara t-Tajba tas-salvazzjoni
lill-imsejknin,
il-fidwa lill-imjassrin,

il-ferħ lill-imnikktin.

Biex itemm il-ħsieb ta' mħabbtek
ta lilu nnifsu għall-mewt,
u bil-qawmien tiegħu mill-imwiet
qered il-mewt u ġedded il-ħajja.
U biex aħna ngħixu mhux aktar għalina nfusna,
imma għalih, li miet u rxoxta għalina,
minn għandek, Missier, fuq dawk li emmnu
bagħat, bħala l-aqwa don, l-Ispirtu s-Santu,
biex itemm fid-dinja l-ħidma tiegħu
u jagħti l-milja tal-qdusija.

(Il-konċelebranti kollha flimkien)

B'idejhom miftuħin fuq l-offerti:

Nitolbu, għalhekk, Mulej,
li l-istess Spirtu s-Santu
jogħġbu jqaddes dawn l-offerti,
biex isiru l-ġisem u ✠ d-Demm
ta' Sidna Ġesù Kristu
għaċ-ċelebrazzjoni ta' dan il-misteru kbir
li hu ħallielna bħala patt għal dejjem.

Kif waslet is-siegħa
li jkun imsebbaħ minnek, Missier qaddis,
hu, li kien ħabb lil tiegħu li kienu fid-dinja,
ħabbhom għall-aħħar: u huma u jieklu

ħa l-ħobż, bierek, qasam,

ta lid-dixxipli tiegħu, u qal:

**ħudu u kulu lkoll minn dan:**
**għax dan huwa ġismi**
**li jingħata għalikom.**

Hekk ukoll

ħa l-kalċi bl-inbid, radd il-ħajr,

ta lid-dixxipli tiegħu u qal:

**ħudu u ixorbu minnu lkoll:**
**għax dan huwa l-kalċi ta' Demmi**
**tal-patt il-ġdid li jibqa' għal dejjem:**
**id-Demm li jixxerred għalikom**
**u għall-bnedmin kollha**
**għall-maħfra tad-dnubiet.**
**Agħmlu dan b'tifkira tiegħi.**

(Iċ-ċelebrant Prinċipali)

Dan hu l-Misteru tal-Fidi.

Il-Poplu jwieġeb:

Kull darba li nieklu dal-hobż u nixorbu dal-kalċi,

inħabbru l-mewt tiegħek, Mulej, sa ma tiġi.

(Il-konċelebranti kollha flimkien)

Għalhekk, Mulej

aħna u niċċelebraw it-tifkira tal-fidwa tagħna,

niftakru fil-mewt ta' Kristu

u fl-inżul tiegħu fl-imwiet,

nistqarru l-qawmien tiegħu għall-ħajja u t-tlugħ fil-lemin tiegħek;

u, aħna u nistennewh jiġi fil-glorja,

noffrulek il-ġisem u d-Demm tiegħu,

is-sagrifiċċju li jogħġob lilek

u li jiswa għas-salvazzjoni tad-dinja kollha.

ħares, Mulej, lejn il-Vittma

li inti nnifsek ħejjejt għall-Knisja tiegħek;

agħmel, fit-tjieba tiegħek

li dawn kollha li jieħdu sehem

minn dan il-ħobż u minn dan il-Kalċi

l-Ispirtu s-Santu jgħaqqadhom f'ġisem wieħed

u jsiru vittma ħajja fi Kristu,

għat-tifħir tal-glorja tiegħek.

(L-ewwel konċelebrant)

Ftakar, mela, Mulej,

f'dawk kollha li għalihom

qegħdin noffru dan is-sagrifiċċju:

il-qaddej tiegħek il-Papa N.,

l-Isqof tagħna N.,

l-Isqof N. li qed jgħinu,

(lili, qaddej tiegħek mingħajr ma jistħoqqli,)

l-Isqfijiet kollha tad-dinja

il-ministri tiegħek kollha

dawk li qegħdin jagħmlu din l-offerta

u dawk li hawn madwarna

il-poplu tiegħek kollu,

u l-bnedmin kollha li jfittxuk b'qalb safja.

Ftakar ukoll
f'dawk li mietu fis-sliem ta' Kristu
u fil-mejtin kollha,
li int waħdek taf il-fidi tagħhom.

Lilna lkoll, uliedek, Missier ħanin, agħtina
li mal-Verġni mqaddsa, Omm Alla, Marija,
ma' l-Appostli u l-Qaddisin tiegħek,
inkunu nistgħu niksbu l-wirt tas-sema
fis-saltna tiegħek,
fejn mal-ħlejjaq kollha,
meħlusa mit-taħsir tad-dnub u l-mewt,
insebbħuk bi Kristu Sidna,
li bih int tfawwar id-dinja b'kull ġid.

(Iċ-ċelebrant Prinċipali waħdu jew flimkien mal-Konċelebranti l-oħra)

Bi Kristu, ma' Kristu, u fi Kristu,
jingħata lilek, Alla Missier li tista' kollox,
flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu,
kull ġieh u glorja
għal dejjem ta' dejjem.

Il-poplu jwieġeb:
Amen.

**TALBA EWKARISTIKA V/a**

*Prefazju*

**Il-Knisja miexja fit-triq ta’ l-għaqda ta’ l-insara kollha**

Sewwa u xieraq tassew
Mulej, Missier ta’ tjieba bla qies,
li nroddulek ħajr
u nlissnulek innu ta’ glorja u ta’ tifħir,

għaliex bil-kelma ta’ l-Evanġelju ta’ Ibnek
waqqaft Knisja waħda
mill-popli, l-ilsna u n-nazzjonijiet kollha,
u biha ma tieqaf qatt tiġbor flimkien il-popli kollha
bil-qawwa ta’ l-Ispirtu tiegħek li jagħti l-ħajja.

Hi tagħti xhieda ta’ l-imħabba tiegħek

u bla heda twassal lil kulħadd it-tama ħienja tas-saltna tiegħek,
u tiddi bħala sinjal tal-fedelt□ tiegħek
li inti wegħedtna għal dejjem f'Ġesù Kristu, Sidna.

Għalhekk mal-qtajja' kollha tas-sema
infaħħruk għal dejjem fuq l-art
waqt li b'leħen wieħed mal-Knisja kollha ngħidulek:

Qaddis, qaddis, qaddis ...

(Iċ-ċelebrant Prinċipali)

Qaddis tassew Int u ta' min isebbħek,
O Alla kollok imħabba għall-bnedmin,
li dejjem tieqaf magħhom tul il-mixja ta' ħajjithom.
Imbierek tassew Ibnek
li jinsab fostna
għax inġbarna mill-imħabba tiegħu,
u, kif għamel mad-dixxipli tiegħu,
issa qiegħed ifissrilna l-iskrittura u jaqsmilna l-ħobż.

(Il-Konċelebranti flimkien)

B'idejhom mifruxin fuq l-offerti:

Nitolbuk, għalhekk, Missier kollok ħniena,
biex tibgħat l-Ispirtu Qaddis tiegħek

ħa jqaddes dawn l-offerti tal-ħobż u nbid

biex isiru għalina l-ġisem u d-Demm

ta’ Sidna Ġesù Kristu.

Li, qabel ma bata,

tul il-lejl ta’ l-Aħħar Ikla,

ħa l-ħobż, bierek u qasam,

tah lid-dixxipli tiegħu u qal:

**ħudu u kulu lkoll minn dan,**
**għax dan huwa ġismi,**
**li jingħata għalikom.**

Hekk ukoll, wara l-ikla,

ħa l-kalċi,

raddlek l-ħajr,

ta lid-dixxipli, u qal:

**ħudu u ixorbu minnu lkoll,**
**għax dan huwa l-kalċi ta’ Demmi,**
**tal-Patt il-ġdid li jibqa’ għal dejjem;**
**id-Demm li jixxerred għalikom**
**u għall-bnedmin kollha**
**għall-maħfra tad-dnubiet.**
**Agħmlu dan b’tifkira tiegħi.**

Dan hu l-misteru tal-fidi.

Il-Poplu jwieġeb:

Inħabbru l-mewt tiegħek, Mulej,

inxandru bil-ferħ il-qawmien tiegħek,

nistennewk sa ma tiġi fil-glorja.

(Il-Konċelebranti flimkien)

Għalhekk, Missier Qaddis,
aħna u nagħmlu dan b'tifkira t'Ibnek, il-feddej tagħna,
li int wassaltu għall-passjoni u l-mewt fuq is-salib
u għall-glorja tal-qawmien għall-ħajja,
u qegħedtu fuq il-leminija tiegħek,
sakemm Hu jerġa' jiġi, nħabbru l-għemil ta' mħabbtek,
u noffrulek il-ħobż u l-kalċi tal-barka.
ħares bi ħniena
lejn l-offerta tal-Knisja tiegħek
li fiha nuru s-Sagrifiċċju ta' l-Għid ta' Kristu,
li ġie mogħti lilna,
u bil-qawwa ta' l-Ispirtu ta' mħabbtek
għoddna issa u għal dejjem ta' dejjem
fost il-membri ta' Ibnek l-għażiż,
li bil-ġisem u d-Demm tiegħu sejrin nitqarbnu.

(L-ewwel Konċelebrant)

ġedded, Mulej, bid-dawl ta' l-Evanġelju,
il-Knisja li hi hawn f'Malta.
Wettaq ir-rabta ta' l-għaqda
bejn il-fidili u r-ragħajja tal-poplu tiegħek,

flimkien mal-Papa N., ma’ l-Isqof tagħna N. u ma’ l-Isqof N. li qed jgħinu
u ma’ l-Isqfijiet kollha,
biex il-poplu tiegħek
imġarrab mit-tilwin f’din id-dinja,
jiddi b’sinjal profetiku
ta’ l-għaqda u l-ftehim.

(It-tieni konċelebrant)

Ftakar, Mulej, f’ħutna N u N.
li marru qabilna
fis-sliem ta’ Kristu tiegħek
u fil-mejtin kollha,
li inti biss taf il-fidi tagħhom;
daħħalhom għall-hena tad-dija ta’ wiċċek
u fil-qawmien mill-imwiet agħtihom il-milja tal-ħajja.

Lilna wkoll agħtina
li naslu għall-għamara ta’ dejjem
wara li ntemmu l-mixja tagħna f’din id-dinja
biex ngħixu għal dejjem miegħek,
mal-Verġni Mqaddsa l-Omm ta’ Alla Marija,
ma’ l-Appostli u l-Martri,
ma’ San N. (il-qaddis tal-ġurnata),
u f’xirka waħda mal-qaddisin kollha
infaħħruk u nkabbruk għal dejjem.

B'Ġesù Kristu Ibnek.

(iċ-ċelebrant Prinċipali jew il-Konċelebranti flimkien)

Bi Kristu, ma' Kristu u fi Kristu
jingħata lilek, Alla Missier li tista' kollox,
flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu,
kull ġieh u glorja
għal dejjem ta' dejjem.

Il-poplu jwieġeb: Amen

## TALBA EWKARISTIKA V/b

*Prefazju*

### Alla jmexxi 'l Knisja tiegħu fit-triq tas-salvazzjoni

Sewwa u xieraq tassew,
tajjeb u ta' ġid għas-salvazzjoni tagħna
li nroddulek ħajr,
Mulej, Missier qaddis,
ħallieq tad-dinja u bidu ta' kull ħajja:

Int ma tħalli qatt waħedhom
l-għemejjel ta' l-għerf tiegħek,

iżda għadek f'nofsna taħdem bil-providenza tiegħek.
B'id qawwija u driegħ merfugħ
int mexxejt fid-deżert 'il poplu tiegħek Israel;
u issa, bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu,
int tissieħeb mal-Knisja tiegħek
fil-mixi tagħha f'din id-dinja,
u twassalha għall-hena ta' dejjem tas-saltna tiegħek
mit-triqat ta' kull żmien,
bi Kristu Sidna.

Għalhekk flimkien ma' l-Angli u l-Qaddisin
inlissnu l-innu tal-glorja tiegħu
aħna u ngħidu bla heda:
Qaddis, qaddis, qaddis ...

(Iċ-ċelebrant Prinċipali)

Qaddis tassew Int u ta' min isebbħek,
O Alla kollok imħabba għall-bnedmin,
li dejjem tieqaf magħhom tul il-mixja ta' ħajjithom.
Imbierek tassew Ibnek
li jinsab fostna
għax inġbarna mill-imħabba tiegħu,
u, kif għamel mad-dixxipli tiegħu,
issa qiegħed ifissrilna l-iskrittura u jaqsmilna l-ħobż.

(Il-Konċelebranti flimkien)

B'idejhom mifruxin fuq l-offerti:

Nitolbuk, għalhekk, Missier kollok ħniena,

biex tibgħat l-Ispirtu Qaddis tiegħek

ħa jqaddes dawn l-offerti tal-ħobż u nbid

biex isiru għalina l-ġisem u d-Demm

ta' Sidna Ġesù Kristu.

Li, qabel ma bata,

tul il-lejl ta' l-Aħħar Ikla,

ħa l-ħobż, bierek u qasam,

tah lid-dixxipli tiegħu u qal:

**ħudu u kulu lkoll minn dan,**
**għax dan huwa ġismi,**
**li jingħata għalikom.**

Hekk ukoll, wara l-ikla,

ħa l-kalċi,

raddlek l-ħajr,

ta lid-dixxipli, u qal:

**ħudu u ixorbu minnu lkoll,**
**għax dan huwa l-kalċi ta' Demmi,**
**tal-Patt il-ġdid li jibqa' għal dejjem;**
**id-Demm li jixxerred għalikom**
**u għall-bnedmin kollha**
**għall-maħfra tad-dnubiet.**
**Agħmlu dan b'tifkira tiegħi.**

Dan hu l-misteru tal-fidi.

Il-Poplu jwieġeb:

Inħabbru l-mewt tiegħek, Mulej,
inxandru bil-ferħ il-qawmien tiegħek,
nistennewk sa ma tiġi fil-glorja.

(Il-Konċelebranti flimkien)

Għalhekk, Missier Qaddis,
aħna u nagħmlu dan b'tifkira t'Ibnek, il-feddej tagħna,
li int wassaltu għall-passjoni u l-mewt fuq is-salib
u għall-glorja tal-qawmien għall-ħajja,
u qegħedtu fuq il-leminija tiegħek,
sakemm Hu jerġa' jiġi, nħabbru l-għemil ta' mħabbtek,
u noffrulek il-ħobż u l-kalċi tal-barka.

ħares bi ħniena
lejn l-offerta tal-Knisja tiegħek
li fiha nuru s-Sagrifiċċju ta' l-Għid ta' Kristu,
li ġie mogħti lilna,
u bil-qawwa ta' l-Ispirtu ta' mħabbtek
għoddna issa u għal dejjem ta' dejjem
fost il-membri ta' Ibnek l-għażiż,
li bil-ġisem u d-Demm tiegħu sejrin nitqarbnu.

(L-ewwel Konċelebrant)

Wettaq, Mulej, f’għaqda bejnietna,
lilna li sejjaħt għall-ikla tiegħek;
biex flimkien mal-Papa N., l-Isqof tagħna N. u ma’ l-Isqof N. li qed jgħinu,
ma’ l-isqfijiet, is-saċerdoti u d-djakni kollha,
u mal-poplu tiegħek kollu,
nimxu bil-fidi u t-tama fi triqtek
biex hekk inkunu nistgħu nxandru hena u fiduċja fid-dinja kollha.

(It-tieni Konċelebrant)

Ftakar, Mulej, f’ħutna N u N.
li marru qabilna
fis-sliem ta’ Kristu tiegħek
u fil-mejtin kollha,
li inti biss taf il-fidi tagħhom;
daħħalhom għall-hena tad-dija ta’ wiċċek
u fil-qawmien mill-imwiet agħtihom il-milja tal-ħajja.

Lilna wkoll agħtina
li naslu għall-għamara ta’ dejjem
wara li ntemmu l-mixja tagħna f’din id-dinja
biex ngħixu għal dejjem miegħek,
mal-Verġni Mqaddsa l-Omm ta’ Alla Marija,
ma’ l-Appostli u l-Martri,
ma’ San N. (il-qaddis tal-ġurnata),
u f’xirka waħda mal-qaddisin kollha

infaħħruk u nkabbruk għal dejjem.
B'Ġesù Kristu Ibnek.

(iċ-ċelebrant Prinċipali jew il-Konċelebranti flimkien)

Bi Kristu, ma' Kristu u fi Kristu
jingħata lilek, Alla Missier li tista' kollox,
flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu,
kull ġieh u glorja
għal dejjem ta' dejjem.

Il-poplu jwieġeb: Amen

## TALBA EWKARISTIKA V/c

*Prefazju*

### Alla jmexxi 'l Knisja tiegħu fit-triq tas-salvazzjoni

Sewwa u xieraq tassew,
tajjeb u ta' ġid għas-salvazzjoni tagħna

li nroddulek ħajr,
Mulej, Missier qaddis,
ħallieq tad-dinja u bidu ta' kull ħajja:

Int bil-Verb tiegħek ħlaqt id-dinja,
u tmexxi kollox sewwa.
Lilu, magħmul bniedem għalina,
tajtulna bħala medjatur tagħna;
hu wasslilna l-kelma tiegħek
u sejħilna biex nimxu warajh;
hu t-triq li twassalna għandek,
il-verità li teħlisna,
il-ħajja li timliena bil-hena.

Għalhekk flimkien ma' l-anġli u l-qaddisin
inlissnu l-innu tat-tifħir tiegħek
aħna u ngħidu bla heda:
Qaddis, qaddis, qaddis ...

(Iċ-ċelebrant Prinċipali)

Qaddis tassew Int u ta' min isebbħek,
O Alla kollok imħabba għall-bnedmin,
li dejjem tieqaf magħhom tul il-mixja ta' ħajjithom.
Imbierek tassew Ibnek
li jinsab fostna
għax inġbarna mill-imħabba tiegħu,

u, kif għamel mad-dixxipli tiegħu,

issa qiegħed ifissrilna l-iskrittura u jaqsmilna l-ħobż.

(Il-Konċelebranti flimkien)

B'idejhom mifruxin fuq l-offerti:

Nitolbuk, għalhekk, Missier kollok ħniena,

biex tibgħat l-Ispirtu Qaddis tiegħek

ħa jqaddes dawn l-offerti tal-ħobż u nbid

biex isiru għalina l-ġisem u d-Demm

ta' Sidna Ġesù Kristu.

Li, qabel ma bata,

tul il-lejl ta' l-Aħħar Ikla,

ħa l-ħobż, bierek u qasam,

tah lid-dixxipli tiegħu u qal:

**ħudu u kulu lkoll minn dan,**
**għax dan huwa ġismi,**
**li jingħata għalikom.**

Hekk ukoll, wara l-ikla,

ħa l-kalċi,

raddlek l-ħajr,

ta lid-dixxipli, u qal:

**ħudu u ixorbu minnu lkoll,**
**għax dan huwa l-kalċi ta' Demmi,**
**tal-Patt il-ġdid li jibqa' għal dejjem;**
**id-Demm li jixxerred għalikom**

**u għall-bnedmin kollha**
**għall-maħfra tad-dnubiet.**
**Agħmlu dan b'tifkira tiegħi.**

Dan hu l-misteru tal-fidi.

Il-Poplu jwieġeb:

Inħabbru l-mewt tiegħek, Mulej,

inxandru bil-ferħ il-qawmien tiegħek,

nistennewk sa ma tiġi fil-glorja.

(Il-Konċelebranti flimkien)

Għalhekk, Missier Qaddis,

aħna u nagħmlu dan b'tifkira t'Ibnek, il-feddej tagħna,

li int wassaltu għall-passjoni u l-mewt fuq is-salib

u għall-glorja tal-qawmien għall-ħajja,

u qegħedtu fuq il-leminija tiegħek,

sakemm Hu jerġa' jiġi, nħabbru l-għemil ta' mħabbtek,

u noffrulek il-ħobż u l-kalċi tal-barka.

ħares bi ħniena

lejn l-offerta tal-Knisja tiegħek

li fiha nuru s-Sagrifiċċju ta' l-Għid ta' Kristu,

li ġie mogħti lilna,

u bil-qawwa ta' l-Ispirtu ta' mħabbtek

għoddna issa u għal dejjem ta' dejjem

fost il-membri ta' Ibnek l-għażiż,

li bil-ġisem u d-Demm tiegħu sejrin nitqarbnu.

(L-ewwel Konċelebrant)

Missier li tista' kollox, bit-tisħib tagħna f'dan il-misteru
aħjina bl-Ispirtu tiegħek,
u agħtina li nsiru nixbħu x-xbieha ta' Ibnek;
u wettaqna fir-rabta tax-xirka bejnietna
flimkien mal-Papa N., l-Isqof tagħna N. u l-Isqof li qed jgħinu,
ma' l-Isqfijiet l-oħra kollha,
mas-saċerdoti u d-djakni,
u mal-poplu kollu tiegħek.

Agħmel li l-fidili kollha tal-Knisja tiegħek,
huma u jagħrfu fid-dawl tal-fidi s-sinjali taż-żminijiet,
ikunu jistgħu, fi qbil sħiħ mal-fidi li jistqarru,
jimpenjaw ruħhom sewwa fil-qadi ta' l-Evanġelu.
Agħmilna ħerqana għall-ħtiġijiet tal-bnedmin kollha,
biex, aħna u nissieħbu fin-niket u t-tiġrib tagħhom,
fil-ferħ u t-tamiet tagħhom,
inwasslulhom bil-fedeltà kollha l-Bxara t-tajba tas-salvazzjoni
u flimkien magħhom, nimxu fit-triq li twassal għas-saltna tiegħek.

(It-tieni Konċelebrant)

Ftakar, Mulej, f'ħutna N u N.
li marru qabilna

fis-sliem ta’ Kristu tiegħek
u fil-mejtin kollha,
li inti biss taf il-fidi tagħhom;
daħħalhom għall-hena tad-dija ta’ wiċċek
u fil-qawmien mill-imwiet agħtihom il-milja tal-ħajja.

Lilna wkoll agħtina
li naslu għall-għamara ta’ dejjem
wara li ntemmu l-mixja tagħna f’din id-dinja
biex ngħixu għal dejjem miegħek,
mal-Verġni Mqaddsa l-Omm ta’ Alla Marija,
ma’ l-Appostli u l-Martri,
ma’ San N. (il-qaddis tal-ġurnata),
u f’xirka waħda mal-qaddisin kollha
infaħħruk u nkabbruk għal dejjem.
B’Ġesù Kristu Ibnek.

(iċ-ċelebrant Prinċipali jew il-Konċelebranti flimkien)

Bi Kristu, ma’ Kristu u fi Kristu
jingħata lilek, Alla Missier li tista’ kollox,
flimkien ma’ l-Ispirtu s-Santu,
kull ġieh u glorja
għal dejjem ta’ dejjem.
Il-poplu jwieġeb: Amen

## TALBA EWKARISTIKA V/d

*Prefazju*

**Ġesù jgħaddi jagħmel il-ġid**

Sewwa u xieraq tassew,
tajjeb u ta' ġid għas-salvazzjoni tagħna,
li dejjem u kullimkien
inroddulek ħajr,
o Alla fidil u Missier ta' kull ħniena,
għaliex tajtna lil Ibnek Ġesù Kristu
bħala Mulej u Feddej tagħna.

Hu dejjem wera ħniena kbira
għaċ-ċkejknin u għall-foqra,
għall-morda u għall-midinbin,
u dejjem kien qrib
il-maħqurin u l-imġarrbin.
Bil-kliem u bl-għemil ħabbar lid-dinja
li int Missier li tieħu ħsieb uliedek kollha.

Għalhekk ma' l-anġli u l-qaddisin kollha
infaħħruk u nberkuk,
u nlissnu l-innu tal-glorja tiegħek

aħna u ngħidu bla heda:

Qaddis, qaddis, qaddis ...

(Iċ-ċelebrant Prinċipali)

Qaddis tassew Int u ta' min isebbħek,
O Alla kollok imħabba għall-bnedmin,
li dejjem tieqaf magħhom tul il-mixja ta' ħajjithom.
Imbierek tassew Ibnek
li jinsab fostna
għax inġbarna mill-imħabba tiegħu,
u, kif għamel mad-dixxipli tiegħu,
issa qiegħed ifissrilna l-iskrittura u jaqsmilna l-ħobż.

(Il-Konċelebranti flimkien)

B'idejhom mifruxin fuq l-offerti:

Nitolbuk, għalhekk, Missier kollok ħniena,
biex tibgħat l-Ispirtu Qaddis tiegħek
ħa jqaddes dawn l-offerti tal-ħobż u nbid
biex isiru għalina l-ġisem u d-Demm
ta' Sidna Ġesù Kristu.

Li, qabel ma bata,
tul il-lejl ta' l-Aħħar Ikla,

ħa l-ħobż, bierek u qasam,

tah lid-dixxipli tiegħu u qal:

**ħudu u kulu lkoll minn dan,**
**għax dan huwa ġismi,**
**li jingħata għalikom.**

Hekk ukoll, wara l-ikla,

ħa l-kalċi,

raddlek l-ħajr,

ta lid-dixxipli, u qal:

**ħudu u ixorbu minnu lkoll,**
**għax dan huwa l-kalċi ta' Demmi,**
**tal-Patt il-ġdid li jibqa' għal dejjem;**
**id-Demm li jixxerred għalikom**
**u għall-bnedmin kollha**
**għall-maħfra tad-dnubiet.**
**Agħmlu dan b'tifkira tiegħi.**

Dan hu l-misteru tal-fidi.

Il-Poplu jwieġeb:

Inħabbru l-mewt tiegħek, Mulej,

inxandru bil-ferħ il-qawmien tiegħek,

nistennewk sa ma tiġi fil-glorja.

(Il-Konċelebranti flimkien)

Għalhekk, Missier Qaddis,

aħna u nagħmlu dan b'tifkira t'Ibnek, il-feddej tagħna,
li int wassaltu għall-passjoni u l-mewt fuq is-salib
u għall-glorja tal-qawmien għall-ħajja,
u qegħedtu fuq il-leminija tiegħek,
sakemm Hu jerġa' jiġi, nħabbru l-għemil ta' mħabbtek,
u noffrulek il-ħobż u l-kalċi tal-barka.

ħares bi ħniena
lejn l-offerta tal-Knisja tiegħek
li fiha nuru s-Sagrifiċċju ta' l-Għid ta' Kristu,
li ġie mogħti lilna,
u bil-qawwa ta' l-Ispirtu ta' mħabbtek
għoddna issa u għal dejjem ta' dejjem
fost il-membri ta' Ibnek l-għażiż,
li bil-ġisem u d-Demm tiegħu sejrin nitqarbnu.

(L-ewwel Konċelebrant)

Wettaq, Mulej, fil-fidi u fl-imħabba
il-Knisja tiegħek,
flimkien mal-Papa N., ma' l-Isqof tagħna N. u ma' l-Isqof N. li qed jgħinu,
u ma' l-Isqfijiet, is-saċerdoti u d-djakni kollha,
u mal-poplu kollu li int ksibt għalik.
Iftħilna għajnejna
biex nintebħu bil-ħtiġijiet ta' ħutna;
nebbaħna kliem u għemil
li jkunu ta' faraġ għall-imtaqqlin u l-imġarrbin;

agħtina li naqduhom minn qalbna,
kif uriena li jridna nagħmlu Kristu.
ħa tkun il-Knisja tiegħek xhieda ħajja
tal-verità u tal-libertà,
tal-paċi u tal-ġustizzja,
biex il-bnedmin kollha jqumu għal tamiet ġodda.

(It-tieni Konċelebrant)

Ftakar, Mulej, f'ħutna N u N.
li marru qabilna
fis-sliem ta' Kristu tiegħek
u fil-mejtin kollha,
li inti biss taf il-fidi tagħhom;
daħħalhom għall-hena tad-dija ta' wiċċek
u fil-qawmien mill-imwiet agħtihom il-milja tal-ħajja.

Lilna wkoll agħtina
li naslu għall-għamara ta' dejjem
wara li ntemmu l-mixja tagħna f'din id-dinja
biex ngħixu għal dejjem miegħek,
mal-Verġni Mqaddsa l-Omm ta' Alla Marija,
ma' l-Appostli u l-Martri,
ma' San N. (il-qaddis tal-ġurnata),
u f'xirka waħda mal-qaddisin kollha
infaħħruk u nkabbruk għal dejjem.
B'Ġesù Kristu Ibnek.

(iċ-ċelebrant Prinċipali jew il-Konċelebranti flimkien)

Bi Kristu, ma' Kristu u fi Kristu
jingħata lilek, Alla Missier li tista' kollox,
flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu,
kull ġieh u glorja
għal dejjem ta' dejjem.

Il-poplu jwieġeb: Amen

## TALBA EWKARISTIKA I
## TAR-RIKONĊILJAZZJONI

*Prefazju*

Sewwa u xieraq tassew
li nroddulek ħajr,
Mulej, Missier qaddis
għaliex inti kollok tjieba u ħniena
u ma tehdiex tħeġġiġna għal ħajja aħjar,
twegħedna bla heda l-maħfra tiegħek
u tistieden 'il midinbin
biex jafdaw biss fit-tjieba tiegħek.
Inti ma tbigħedx minna
għalkemm ksirna kemm-il darba l-patt tagħna miegħek,
iżda b'Ibnek Ġesù Kristu, Sidna,
inti rbatt miegħek 'il-bnedmin kollha

b'rabta hekk qawwija
li xejn ma jista' jħollha.
U issa li tajt dan iż-żmien ta' grazzja u rikonċiljazzjoni
lill-poplu tiegħek,
hu u jdur lejk,
agħtih il-ħajja mill-ġdid fi Kristu,
bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu li bla heda jissawwab fina,
ħa jkun ta' servizz għall-bnedmin kollha.
Għalhekk, mistagħġbin b'dan l-għemil tiegħek ta' ħniena,
inroddulek ħajr,
u nsieħbu t-tifħir tagħna ma' dak tal-qtajja kollha tas-sema,
biex infaħħru l-qawwa ta' mħabbtek
u nxandru l-ferħ tagħna għas-salvazzjoni li ksibna,
aħna u ngħidu:

Qaddis, qaddis, qaddis ...

(Iċ-ċelebrant prinċipali)

O Alla, inti sa mill-ħolqien tad-dinja,
tagħmel kull ma hu meħtieġ
biex il-bniedem ikun qaddis bħalek.

ħares għalhekk lejn dan il-poplu tiegħek li nġabar hawn
u sawwab il-qawwa ta' l-ispirtu tiegħek
fuq dawn l-offerti biex isiru għalina l-ġisem u d-Demm
ta' Ibnek il-għażiż ✠ Ġesù Kristu, Sidna,
li fih aħna lkoll uliedek.

(Il-Konċelebranti flimkien)

Meta konna mitlufin,

u ma stajniex aktar nersqu lejk,

int ħabbejtna b'imħabba liema bħalha;

Ibnek il-għażiż, li hu waħdu l-ġust,

ta lilu nnifsu f'idejna

u ma stmerrx li jkun imsallab għalina.

Iżda qabel ma fetaħ idejh fuq is-salib

bejn is-sema u l-art

biex ikun sinjal għal dejjem tal-Patt tiegħek magħna,

ried jagħmel l-ikla tal-Għid mad-dixxipli tiegħu.

U waqt li kien fuq il-mejda, ħa l-ħobż

radd il-ħajr, bierek,

qasam, ta lid-dixxipli tiegħu, u qal:

**ħudu u kulu lkoll minn dan:**
**għax dan huwa ġismi**
**li jingħata għalikom.**

Hekk ukoll, wara l-ikla,

hu li kien jaf li se jħabbeb kollox fih,

bid-demm li kien se jxerred fuq is-salib,

ħa l-kalci, mimli nbid,

reġa' radd il-ħajr,

tah lil ħbiebu, u qal:

**ħudu u ixorbu minnu lkoll:**
**għax dan huwa l-kalċi ta' Demmi**
**tal-Patt il-ġdid li jibqa' għal dejjem:**
**id-Demm li jixxerred għalikom**

**u għall-bnedmin kollha**
**għall-maħfra tad-dnubiet.**
**Agħmlu dan b'tifkira tiegħi.**

Dan hu l-misteru tal-fidi.

U l-poplu jwieġeb:

Inħabbru l-mewt tiegħek, Mulej,

inxandru bil-ferħ il-qawmien tiegħek,

nistennewk sa ma tiġi fil-glorja.

(Il-Konċelebranti flimkien)

Għalhekk aħna u nagħmlu t-tifkira ta' Ġesù Kristu,

li hu l-Għid tagħna u sliem tassew għalina,

u niċċelebraw il-mewt u l-qawmien tiegħu għall-ħajja,

waqt li qegħdin nistennew il-jum għażiż tat-tieni miġja tiegħu,

noffrulek, o Alla fidil u veru,

din il-Vittma li tikseb għall-bnedmin kollha l-grazzja tiegħek.

O Missier l-aktar ħanin,

fit-tjieba tiegħek ħares b'ħarsa ta' ħniena

lejn dawk li qed torbot miegħek

għax qed tagħtihom li jissieħbu

f'dan is-sagrifiċċju waħdieni ta' Kristu;

bil-qawwa ta' l-Ispirtu qaddis tiegħek

agħmel li jingħaqdu f'ġisem wieħed

biex fih tintemm kull firda bejniethom.

(L-Ewwel Konċelebrant)

żommna lkoll fehma waħda u qalb waħda
mal-Papa N., ma' l-Isqof tagħna N. u ma' l-Isqof N. li qed jgħinu
(u miegħi qaddej tiegħek mingħajr ma jistħoqqli).
Għinna nħejju l-miġja ta' Saltnatek
sa ma tasal is-siegħa li nidhru quddiemek
qaddisin fost il-Qaddisin tas-sema,
mal-Verġni Mqaddsa Marija u ma' l-Appostli,
u ma' ħutna mejtin
li aħna nafdaw għall-ħniena tiegħek.
Imbagħad, mibdulin f'ħolqien ġdid,
u meħlusin minn kull taħsir,
inkunu nistgħu tassew, fiċ-ċokon tagħna,
inroddulek il-ħajr ta' Kristu Ibnek li jgħix għal dejjem.

(Iċ-ċelebrant prinċipali jew il-Konċelebrant flimkien)

Bi Kristu, ma' Kristu, u fi Kristu,
jingħata lilek, Alla Missier li tista' kollox,
flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu,
kull ġieħ u glorja
għal dejjem ta' dejjem.

Il-poplu jwieġeb:
Amen.

## TALBA EWKARISTIKA II
## TAR-RIKONĊILJAZZJONI

*Prefazju*

O Alla, Missier li tista' kollox,
b'Ibnek Ġesù Kristu Sidna,
inroddulek ħajr u nfaħħruk
għall-ħidma tiegħek fid-dinja.

Għalkemm il-bnedmin jinsabu mifruda minn xulxin
minħabba l-ġlied u t-tilwim bejniethom,
aħna nafu, għax ġarrabnieh, li inti tbiddel il-fehma tal-bnedmin
biex jerġgħu jinħabbu bejniethom.

L-Ispirtu qaddis tiegħek iqanqal il-qlub

biex dawk li kienu għedewwa ta' xulxin
jerġgħu jinħabbu bejniethom,
dawk li kienu wieħed kontra l-ieħor jieħdu b'idejn xulxin,
u l-popli kollha jfittxu li jkunu ħbieb.

Bil-qawwa tiegħek
dawk li jħobbu l-paċi jwaqqfu l-ġlied,
jirbħu l-mibegħda bil-maħfra
u jpattu d-deni bil-ġid.

Għalhekk jeħtieġ li aħna nroddulek ħajr
u nfaħħruk mal-kori kollha ta' l-anġli,
li qatt ma jehdew ixandru l-kobor tiegħek u jgħidu:

Kulħadd iwieġeb:

Qaddis, qaddis, qaddis □.

Iċ-ċelebrant prinċipali

Missier ħanin, int li taħkem fuq kull setgħa,
aħna nberkuk b'Ibnek Ġesù Kristu, Sidna,
li ġie fostna f'Ismek.
Hu l-kelma li biha l-bnedmin isalvaw,
l-id li inti tagħti lill-midinbin,
it-triq li minnha jaslilna s-sliem tiegħek.

O Alla, Missier tagħna lkoll,

meta aħna tbegħedna minnek,

inti reġġajtna  għandek b'Ġesù Kristu Ibnek,

li tajtu għall-mewt

biex aħna nitħabbu miegħek u nħobbu 'l xulxin.

Il-Konċelebranti flimkien

Għalhekk aħna u niċċelebraw il-ħbibierija miegħek,

li ħejja Kristu għalina,

nitolbuk

biex tqaddes bil-barka ta' l-Ispirtu tiegħek dawn l-offerti,

aħna u qegħdin nagħmlu dak ✠ li ordnalna Ibnek

Hu meta wasal biex jagħti ħajtu ħa jsalvana,

waqt li kien fuq il-mejda ma' l-Appostli tiegħu,

ħa f'idejh il-ħobż,

raddlek il-ħajr, bierek,

qasam, ta lid-dixxipli tiegħu u qal:

**ħUDU U KULU LKOLL MINN DAN:**
**GħAX DAN HUWA ġISMI**
**LI JINGħATA GħALIKOM.**

Hekk ukoll f'dak il-lejl

ħa l-kalċi,

u, waqt li xandar il-ħniena tiegħek,

tah li-dixxipli tiegħu, u qal:

**ħUDU U IXORBU MINNU LKOLL:**
**GħAX DAN HUWA L-KALċI TA' DEMMI**
**TAL-PATT IL-ġDID LI JIBQA' GħAL DEJJEM:**
**ID-DEMM LI JIXXERRED GħALIKOM**
**U GħALL-BNEDMIN KOLLHA**
**GħALL-MAħFRA TAD-DNUBIET.**
**AGħMLU DAN B'TIFKIRA TIEGħI**

Dan hu l-misteru tal-fidi.

U l-poplu jwieġeb:

Inħabbru l-mewt tiegħek, Mulej,

inxandru bil-ferħ il-qawmien tiegħek,

nistennewk sa ma tiġi fil-glorja.

Mulej, Alla tagħna,

Ibnek ħallielna dan ir-rahan ta' mħabbtek;

għalhekk, aħna u qegħdin nagħmlu t-tifkira

tal-mewt u l-qawmien tiegħu għall-ħajja,

noffrulek dak li inti stess tajtna:

is-sagrifiċċju tal-ħbiberija sħiħa tagħna miegħek.

Missier qaddis, nitolbuk,
ilqagħna lkoll ma' Ibnek
u b'din it-tqarbina li se nagħmlu
agħtina l-Ispirtu qaddis tiegħek,
ħa jbiegħed minn fostna kull ma jifridna.

L-Ewwel Konċelebrant

Hu jżommna f'xirka waħda
mal-Papa N., ma' l-Isqof tagħna N., u ma' l-Isqof N. li qiegħed jgħinu,
(miegħi qaddej tiegħek mingħajr ma jistħoqqli)
ma' l-Isqfijiet kollha u mal-poplu tiegħek kollu:
Agħmel li l-Knisja tiegħek tkun għall-bnedmin kollha
sinjal ta' għaqda
u għajn ta sliem.

It-Tieni Konċelebrant

Kif ġbartna hawn madwar il-mejda ta' Ibnek,
f'rabta ta' mħabba mal-Verġni mqaddsa Marija, Omm Alla,
u mal-Qaddisin kollha,
hekk iġbor il-bnedmin ta' kull sura u ta' kull xorta,
ta' kull ġens u ta' kull ilsien,
biex jissieħbu flimkien, f'għaqda sħiħa bejniethom,
madwar il-mejda tiegħek ta' dejjem,

f'dinja ġdida, fejn tiddi l-milja tas-sliem,
Bi Kristu Sidna.

Bi Kristu, ma' Kristu, u fi Kristu,
jingħata lilek, Alla, Missier li tista' kollox,
flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu
kull ġieħ u glorja
għal dejjem ta' dejjem.

Il-poplu jwieġeb:

Amen.

## TALBA EWKARISTIKA I
## FIL-QUDDIESA GĦAT-TFAL

V. Il-Mulej magħkom
R. U miegħek ukoll

V. Nerfgħu qlubna 'l fuq
R. Nerfgħuhom lejn il-Mulej.

V. Nizzu ħajr lill-Mulej Alla tagħna.
R. Hekk sewwa u xieraq.

O Alla, Missierna li inti fis-smewwiet,
Int ġbartna hawn flimkien,
u aħna qegħdin quddiemek
biex nuruk il-ferħ tagħna u nagħtuk it-tifħir tagħna,
u ngħidulek kemm int kbir fis-setgħa tiegħek.
Infaħħruk għal kull ħaġa sabiħa li hawn fid-dinja,
u għall-ferħ li bih timla qlubna.
Infaħħruk għad-dawl sabiħ tax-xemx,
u għall-kelma tiegħek li biha ddawwal il-qlub tagħna.
Infaħħruk għad-dinja li int ħlaqt, u għall-bnedmin li jgħammru fiha.
Int tassew twajjeb
għaliex tħobbna u tagħmel ħwejjeġ kbar għalina.
Għalhekk aħna lkoll flimkien ngħidulek (inkantaw):

Kulħadd jgħid:

Is-sema u l-art mimlija bil-glorja tiegħek.
Hosanna fl-għoli tas-smewwiet.

Is-saċerdot, b'idejh miftuħin, ikompli:

Int Missierna u dejjem taħseb fil-bnedmin kollha,
U trid tkun dejjem magħhom;
Inti bgħattilna 'l Ġesù, 'l Ibnek il-maħbub,
biex isalvana:
Hu fejjaq 'il morda,

ħafer id-dnubiet lill-midinbin,
wera lil kulħadd l-imħabba tiegħek,
u laqa' lit-tfal u berikhom.
Għalhekk minn qalbna ngħidulek (inkantaw):

Kulħadd jgħid:

Imbierek min ġej f'isem il-Mulej.
Hosanna fl-għoli tas-smewwiet

Meta nfaħħruk, m'aħniex waħedna
għaliex fil-pajjiżi kollha tad-dinja,
l-insara, li huma l-poplu tiegħek, ifaħħruk.
għalhekk flimkien mal-Knisja,
mal-Papa N., ma' l-Isqof tagħna N. u ma' l-Isoqf N. li qed jgħinu,
aħna nitolbuk b'qalbna kollha.
Fis-sema mbagħad ifaħħruk għal dejjem
l-Imqaddsa Verġni Marija,
l-Appostli u l-Qaddisin kollha:
magħhom u ma' l-Anġli kollha nadurawk
u ngħidulek ilkoll flimkien:

Qaddis, qaddis, qaddis, Mulej Alla ta' l-eżerċiti.
Hosanna fl-għoli tas-smewwiet.

Missier qaddis,
għaliex irridu nroddulek ħajr

aħna ġibna l-ħobż u l-inbid:

agħmel li jsiru l-ġisem u d-Demm

ta' Ġesù Kristu, ✠ Ibnek il-għażiż.

B'hekk inkunu nistgħu noffrulek dak li int stess tajtna.

Għaliex dak in-nhar filgħaxija, qabel ma bata għalina,

huwa u jiekol ma'l-Appostli,

Ġesù ħa l-ħobż minn fuq il-mejda,

raddlek il-ħajr, bierek,

qasmu, tahulhom u qal:

**ĦUDU U KULU LKOLL MINN DAN:**
**GĦAX DAN HUWA ĠISMI**
**LI JINGĦATA GħALIKOM.**

U meta l-ikla waslet fit-tmiem tagħha,

Ġesù ħa l-kalċi, mimli nbid,

raddlek il-ħajr,

tah il-ħbiebu, u qal:

**ĦUDU U IXORBU MINNU LKOLL:**
**GĦAX DAN HUWA L-KALĊI TA' DEMMI**
**TAL-PATT IL-ġDID LI JIBQA' GĦAL DEJJEM:**
**ID-DEMM LI JIXXERRED GĦALIKOM**
**U GĦALL-BNEDMIN KOLLHA**
**GĦALL-MAĦFRA TAD-DNUBIET.**

**Imbagħad qalilhom:**
**AGĦMLU DAN B'TIFKIRA TIEGĦI**

Missier qaddis, dak li Ġesù Kristu

qalilna biex nagħmlu b'tifkira tiegħu,
aħna qegħdin nagħmluh issa:
aħna qegħdin noffrulek il-ħobż li jagħti l-ħajja
u l-kalċi li jsalvana
waqt li qegħdin inxandru l-mewt ta' Ġesù
u l-qawmien tiegħu għall-ħajja.
Ġesù jwassalna għandek,
Il-Missier tagħna tas-smewwiet:
ilqagħna miegħu.

Kulħadd jgħid:
Inħabbru l-mewt tiegħek, Mulej,
Inxandru bil-ferħ il-qawmien tiegħek,
Nistennewk sa ma tiġi bil-glorja.

Missier qaddis, inti tħobbna ħafna:
ħallina nersqu għal din il-mejda tiegħek
biex, kollna ferħana u magħqudin flimkien fl-Ispirtu tiegħek,
nitqarbnu bil-ġisem u d-Demm ta' Ibnek Ġesù Kristu, Sidna.

Int, Mulej, Alla tagħna, qatt ma tinsa 'l ħadd,
għalhekk nitolbuk għal dawk kollha li aħna nħobbu N. u N.
u għall-mejtin kollha li ħallew din il-ħajja bis-sliem.
Ftakar f'dawk kollha mxerrdin mad-dinja,
ftakar fil-bnedmin kollha li hawn fuq l-art.
Meta aħna niftakru f'dak kollu li tagħmel għalina
b'Ibnek Ġesù Kristu,

qalbna timtela bil-ferħ u lkoll flimkien nfaħħruk.

Bi Kristu, ma' Kristu, u fi Kristu,
jingħata lilek Alla Missier li tista' kollox
kull ġieh u glorja
għal dejjem ta' dejjem.

Amen.

## TALBA EWKARISTIKA II
## FIL-QUDDIESA GĦAT-TFAL

V. Il-Mulej magħkom

R. U miegħek ukoll

V. Nerfgħu qlubna ’l fuq

R. Nerfgħuhom lejn il-Mulej.

V. Niżżu ħajr lill-Mulej Alla tagħna.

R. Hekk sewwa u xieraq.

Missier maħbub tagħna,
dan hu mument ta’ ferħ kbir għalina!
Aħna nroddulek ħajr,
aħna nfaħħruk flimkien ma’ Ġesù Kristu, Ibnek, Sidna.

Kulħadd jgħid:
Glorja lilek, għax inti tħobbna lkoll!

Int tant tħobbna
li ħlaqt għalina din id-dinja
kbira u sabiħa.

Kulħadd jgħid:
Glorja lilek, għax inti tħobbna lkoll!

Int tant tħobbna
li tajtna lil Ġesù Ibnek
biex iwassalna għandek.

Kulħadd jgħid:
Glorja lilek, għax inti tħobbna lkoll!

Int tant tħobbna
li tridna ninġabru lkoll flimkien fi Kristu
qisna lkoll ulied ta' familja waħda.

Kulħadd jgħid:
Glorja lilek, għax inti tħobbna lkoll!

Għal din l-imħabba tiegħek hekk kbira,
aħna lkoll inroddulek ħajr
ma' l-Anġli u l-Qaddisin,
li fis-sema jadurawk
u jgħidulek:

Qaddis, qaddis, qaddis, Mulej Alla ta' l-eżerċiti.
Is-smewwiet u l-art mimlija bil-glirja tiegħek.
Hosanna fl-għoli tas-smewwiet.
Imbierek min ġej f'isem il-Mulej.
Hosanna fl-għoli tas-smewwiet.

Ikun tassew imbierek Ġesù,
il-ħabib tat-tfal u tal-fqar.
Int bgħattulna,
u Hu ġie biex jurina kif għandna nħobbu lilek
u kif għandna nħobbu lil xulxin.
Hu ġie biex minn qlub il-bnedmin ineħħi l-ħażen,
li jfixkel il-ħbiberija bejniethom.

Hu ġie biex jeqred il-mibgħeda
li ma tħalliniex inkunu ferħana.
Hu wiegħed li jagħtina l-Ispirtu s-Santu
biex ikun dejjem magħna
ħalli ngħixu l-istess ħajja tiegħek.

Kulħad jgħid:
Imbierek min ġej f'isem il-Mulej.
Hosanna fl-għoli tas-smewwiet.

Lilek, Missier, nitolbuk:
ibgħat l-Ispirtu qaddis tiegħek
biex dan il-ħobż u l-inbid li ġibna fuq l-artal,
isiru l-Ġisem ✠ u d-Demm
ta' Sidna Ġesù Kristu.
Hu, awl il-lejl qabel ma bata għalina,
uriena kemm hi kbira l-imħabba tiegħu għalina,
meta huwa u jiekol mad-dixxipli tiegħu,
ħa l-ħobż
raddlek il-ħajr,
qasmu, tahulhom, u qal:

**ĦUDU U KULU LKOLL MINN DAN:**
**GĦAX DAN HUWA ĠISMI**
**LI JINGĦATA GĦALIKOM.**

Juri l-ostja kkonsagrata lill-poplu, waqt li kulħadd jgħid:
Ġesù Kristu ġie mogħti għalina!

Imbagħad ħa l-kalċi, mimli nbid,

talab u raddlek il-ħajr,

ta l-kalċi lid-dixxipli tiegħu u qal:

**ĦUDU U IXORBU MINNU LKOLL:**
**GĦAX DAN HUWA L-KALĊI TA' DEMMI**
**TAL-PATT IL-ĠDID LI JIBQA' GĦAL DEJJEM:**
**ID-DEMM LI JIXXERRED GĦALIKOM□□**
**U GĦALL-BNEDMIN KOLLHA**
**GĦALL-MAĦFRA TAD-DNUBIET.**

Kulħadd jghid:

Ġesù Kristu ġie mogħti għalina!

Imbagħad qalilhom:
**AGĦMLU DAN B'TIFKIRA TIEGĦI.**

Missier l-aktar maħbub, għalhekk aħna nagħmlu dan

b'tifkira tal-mewt u l-qawmien ta' Ġesù, is-Salvatur tad-dinja.

Hu ta lilu nnifsu u miet għalina,

biex ikun is-sagrifiċċju li issa qegħdin noffrulek,

ħalli bih ninġibdu lejk.

Kulħadd iwieġeb:

Glorja u tifħir lil Alla tagħna.

Jew:

Lilek infaħħru, lilek inbierku,

lilek inroddu ħajr, o Alla tagħna.

Mulej Alla tagħna, ilqa' t-talb li qegħdin nagħmulek,
u agħti l-Ispirtu ta' mħabbtek
lil dawk kollha li qegħdin jieħdu sehem f'din il-Quddiesa.
Agħmel li jkunu dejjem magħqudin flimkien fil-Knisja,
mal-Papa N., ma' l-Isqof tagħna N., ma' l-Isqof N. li qed igħinu
u ma' l-Isqfijiet kollha,
u ma' dawk kollha li jaqduk fost il-poplu tiegħek.

Kulħadd, jekk ikun jaqbel, iwieġeb:
ħa jkunu qalb waħda flimkien għall-glorja tiegħek!

Tinsiex lil dawk li nħobbu (…)
tinsiex lanqas lil dawk li forsi ma tantx nuruhom imħabba.
Ftakar ukoll f'dawk kollha li ħallew il-ħajja
bis-sliem tiegħek (…) :
ilqagħhom fid-dar tiegħek tas-sema.

Kulħadd iwieġeb:
ħa jkunu qalb waħda flimkien għall-glorja tiegħek!

U meta jasal il-waqt, lilna wkoll sejħilna
biex, mal-Verġni Mqaddsa Marija, Omm Alla u Ommna,

niċċelebraw il-festa kbira tiegħek fis-sema,
fejn il-ħbieb kollha ta' Ġesù Kristu, Ibnek Sidna,

ikantawlek innu li ma jintemm qatt.

Kulħadd jekk ikun jaqbel, iwieġeb:
ħa jkunu qalb waħda flimkien għall-glorja tiegħek!

Bi Kristu, ma' Kristu, u fi Kristu,
jingħata lilek, Alla Missier li tista' kollox,
flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu,
kull ġieh u glorja,
għal dejjem ta' dejjem.

Amen.

**TALBA EWKARISTIKA III**
**FIL-QUDDIESA GĦAT-TFAL**

V. Il-Mulej magħkom

R. U miegħek ukoll

V. Nerfgħu qlubna ’l fuq

R. Nerfgħuhom lejn il-Mulej.

V. Niżżu ħajr lill-Mulej Alla tagħna.

R. Hekk sewwa u xieraq.

Inroddulek ħajr, o Alla tagħna,
għax ħlaqtna
biex ngħixu għalik,
maqgħqudin flimkien fl-imħabba.
Bil-grazzja tiegħek nitgħallmu nħobbu ’l xulxin,
ħa nkunu nistgħu naqsmu bejnietna
il-ferħ kollu u d-dwejjaq kollha tagħna.

---

Fi żmien il-Għid

Inroddulek ħajr, o Alla tagħna,
għaliex inti Alla tal-ħajjin:
inti sejjaħtilna għall-ħajja
u trid li naslu għall-hena ta’ dejjem.
L-ewwel wieħed fostna li int qajjimt mill-imwiet kien Ġesù:
Int tajtu ħajja ġdida,
u Hu wegħedna ħajja bla tmiem, bla niket u bla dwejjaq.

---

Ta’ dan, Missier,
Inroddulek ħajr, ferħanin,
ma’ dawk kollha li jemmnu fik;
u mal-Qaddisin u l-Anġli kollha
infaħħruk minn qalbna u ngħidulek:

Qaddis, qaddis, qaddis, Mulej Alla ta’ l-eżerċti
Is-smewwiet u l-art mimlija bil-glorja tiegħek
Hosanna fl-għoli tas-smewwiet.
Imbierek min ġej f’isem il-Mulej.
Hosanna fl-għoli tas-smewwiet.

Qaddis tassew int, Mulej,
u twajjeb magħna lkoll.
Int turi l-ħniena tiegħek mal-bnedmin kollha,
Inroddulek ħajr
l-ewwelnett għal Ibnek Ġesù Kristu Sidna:
Hu għoġbu jiġi fid-dinja
għaliex il-bnedmin kienu tbiegħdu minnek,
u ma kinux aktar jaqblu bejniethom.
Hu fetħilna għajnejna u widnejna
Biex nifhmu li aħna lkoll aħwa
U inti l-Missier ta’ kulħadd.

---

Qaddis tassew int, Mulej,
u twajjeb magħna lkoll.
Int turi l-ħniena tiegħek mal-bnedmin kollha.
Inroddulek ħajr
l-ewwelnett għal Ibnek Ġesù Kristu Sidna:
Hu wasslilna l-Bxara t-tajba ta' ħajja ġdida bla tmiem
fil-glorja miegħek.
Hu mexa quddiemna
biex, b'ħafna għemil ta' mħabba,
jurina t-triq li minnha ngħaddu
ħa naslu għal din il-ħajja.

---

U issa Ġesù sejħilna biex ninġabru hawn flimkien
għax iridna nagħmlu dak li darba għamel Hu.

Missier maħbub, qaddes dan il-ħobż u dan l-inbid
biex isiru għalina l-Ġisem ✠ u d-Demm
ta' Ibnek Ġesù Kristu, Sidna.

Hu, fil-lejl
qabel miet għalina,
fl-Aħħar Ikla mad-dixxipli tiegħu,
ħa l-ħobż,
raddlek il-ħajr,
qasmu, tahulhom u qal:

**HUDU U KULU LKOLL MINN DAN:**
**GĦAX DAN HUWA ĠISMI**
**LI JINGĦATA GĦALIKOM.**

Hekk ukoll, ħa l-kalċi, mimli nbid,

raddlek il-ħajr

tah lid-dixxipli tiegħu, u qal:

**ĦUDU U IXORBU MINNU LKOLL:**
**GĦAX DAN HUWA L-KALĊI TA' DEMMI**
**TAL-PATT IL-ĠDID LI JIBQA' GĦAL DEJJEM:**
**ID-DEMM LI JIXXERRED GĦALIKOM**
**U GĦALL-BNEDMIN KOLLHA**
**GĦALL-MAĦFRA TAD-DNUBIET.**

Imbagħad qalilhom:
**AGĦMLU DAN B'TIFKIRA TIEGĦI.**

Għalhekk, Missier qaddis, qegħdin quddiemek,

biex fil-ferħ niftakru

f'dak kollu li Ġesù għamel biex isalvana.

F'dan is-sagrifiċċju qaddis,

li hu ħalla lill-Knisja tiegħu,

aħna nagħmlu t-tifkira tal-mewt u l-qawmien tiegħu għall-ħajja.

Missier qaddis, li inti fis-smewwiet,

ilqagħna għandek

flimkien ma' Ibnek il-għażiż.

Hu ħa l-mewt min rajh għalina;

Inti qajjimtu mill-imwiet:

Għalhekk ngħidulek:

Kulħadd iwieġeb:
Lilek, o Alla, infaħħru għax inti tajjeb,
Lilek inroddu ħajr.

Hu, Ġesù, fl-aħħar taż-żmien għandu jiġi fil-glorja,
u fis-saltna tiegħu ma jkunx hemm aktar
min ibati l-faqar, min jibki,
min ikun imdejjaq.

Kulħadd iwieġeb:
Lilek, o Alla, infaħħru għax inti tajjeb,
Lilek inroddu ħajr.

Missier qaddis, inti sejjaħtilna
biex mimlijin bil-ferħ li jagħti l-Ispirtu s-Santu,
minn fuq dan l-artal
nitqarbnu bil-ġisem ta' Krsitu:
agħmel
li bil-qawwa ta' dan l-ikel tas-sema
nogħġbuk dejjem aktar minn jum għall-ieħor.

Ftakar, Mulej , fil-Papa N.,
fl-Isqof tagħna N., fl-Isqof N. li qed igħinu u fl-Isqfijiet l-oħra kollha.
Għin lid-dixxipli kollha tal-Mulej
ħa jaħdmu għall-paċi u s-sliem

biex iwasslu l-hena u l-ferħ lil kulħadd.

---

Fi żmien il-ġħid

Missier qaddis, inti sejjaħtilna
biex mimlijin bil-ferħ li jagħti l-Ispirtu s-Santu,
minn fuq dan l-artal nitqarbnu bil-ġisem ta' Kristu:
agħmel
li bil-qawwa ta' dan l-ikel tas-sema
nogħġbuk dejjem aktar minn jum għall-ieħor.
Ftakar, Mulej, fil-Papa N.
fl-Isqof tagħna N., u fl-Isqfijiet l-oħra kollha.
Agħmel li qlub l-insara
jimtlew b'dan il-ferħ ta' l-Għid, imxerred ma' kullimkien fid-dinja,
biex iwassluh lill-bnedmin kollha li huma mdejqin.

---

Lilna lkoll agħtina
li, mal-Verġni Mqaddsa Marija, Omm Alla,
u mal-Qaddisin kollha,
meta jasal il-waqt, inkunu ma' Kristu fis-sema
ħa noqgħodu miegħek għal dejjem.

Bi Kristu, ma’ Kristu, u fi Kristu,
jingħata lilek, Alla Missier li tista’ kollox,
flimkien ma’ l-Ispirtu s-Santu,
kull ġieh u glorja,
għal dejjem ta’ dejjem.

Amen.